# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 17

Il-Hamis, 7 ta' Mejju, 2009

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar,
fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Mario Camenzuli, Peter Buontempo u Vince Farrugia.

Il-Kunsillier Valerie Borg infurmat li ma setghetx tattendi minhabba ragunijiet familjari u ghalhekk giet skuzata.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 16 li saret nhar il-Hamis, 12 ta' Marzu, 2009 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Kuntratt tar-resurfacing tat-toroq***
Kien hemm qbil li bhala xoghlijiet ghandha tinghata priorita` Mattia Preti / Peacock Garden u wara Triq il-Lvant (fuq l-iljuni).

***Kuncert tas-Sette Giugno***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minhabba problema logistika il-kuncert ma setax isir f'Dar il-Mediterran. Ghalhekk tibqa' l-possibilta` li l-kuncert isir f'Misrah l-Assedju u dan jekk ma jkunx fl-istess zmien ta' attivitajiet ta' celebrazzjoni relatati mal-football.

## FINANCIAL STATEMENTS GHAS-SENA 2008/09

Il-Kunsill unanimament approva l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja 2008/09.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ircieva ittri ta' ringrazzjament mill-MTA u mill-Universita` ta' Malta ghall-ghajnuna u assistenza mill-Kunsill waqt attivitajiet organizzati minnhom fil-Belt;

## KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***Grand Prix***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet intbghatet ittra lir-residenti b'informazzjoni dwar din l-attivita` u li kienet ser issir laqgha ghal dawk li kellhom xi diffikultajiet xi jressqu.

***Programm ta' attivitajiet mill-istabbilimenti ta' South Street***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li numru ta' stabbilimenti f'South Street kienu qed ihejju programm ta' attivitajiet sabiex l-attivita` Strada li ssir kull sena tkompli tikber. Is-Sindku qal li l-permess ghad-daqq tal-muzika ikun sal-11.00pm.

***Seminar ghall-Kunsill***
Il-Kunsill qabel li nhar it-8 ta' Gunju jerga' jaghmel seminar ghall-Kunsillieri, staff u contract manager.

***Uniformijiet ghall-istaff***
Is-Sindku ppropona li l-istaff tal-Kunsill ikollu uniformi. B'zewg voti favur u erba' kontra ma kienx hemm qbil li din tapplika wkoll ghas-Segretarju Ezekuttiv. Izda b'hames voti favur u vot kontra, kien hemm qbil li din tapplika ghall-istaff. Il-Kunsillier Farrugia sostna li hu ma jaqbilx li l-istaff ikollu uniformi.

Ghalhekk ghandhom jitressqu proposti ta' uniformijiet fil-laqgha li jmiss.

**TMIEM**

Qabel intemmet is-Seduta, il-Vici Sindku xtaq jifrah u jirringrazzja lis-Sindku li fil-11 –il xahar li ilu elett bhala Sindku wassal biex tliet punti li kienu ilhom pendenti, jigu solvuti. Hu kien qed jirreferi ghal post gdid tal-Kunsill, aktar impjegati fil-Kunsill u zjieda fir-rizorsi finanzjarji. Huwa kellu kliem ta' apprezzament ghal mod kif dawn il-problemi li kienu qed ixekklu lill-Kunsill gew indirizzati mis-Sindku bl-ghajnuna wkoll ta' l-Onor. Chris Said.

Fis-6.15pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku